# FIL-QORTI ĊIVILI – PRIM AWLA

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum l-Erbgha 13 ta' Lulju 2022**

**Numru: 1**

**Rikors Nru: 95/2022 ISB**

**Grand Harbour Marina p.l.c (C 26891)**

**vs**

**Dr Charmaine Cherrett u PL Madeline Firman sabiex jirrapreżentaw lill-Bastiment M/Y Nautonnier bin-numru uffiċjali 10226 u Call Sign 9H8367**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tas-socjeta' **Grand Harbour Marina p.l.c. (C26891)** maghmul ai termini tal-Artikolu 358 et seq tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-4 ta' Frar 2022 u li permezz tieghu hija talbet lil din il-Qorti:

*a. Tawtorizza u tapprova ai termini tal-Artikolu 358 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-bejgħ tal-bastiment intimat M/Y Nautonnier bin-numru uffiċjali 10226 u Call Sign 9H8367 lis-soċjeta' Avere Blu Limited għas-somma ta' mija u ħamsin elf Ewro (€150,000) u dan skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-MoU datat 27 ta' Ottubru 2021;*

*b. Taħtar persuna tal-għażla ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex tkun il-persuna nominata ai termini tal-Artikolu 362 et seq. tal-Kap. 12 sabiex l-istess persuna tiffirma l-Bill of Sale relattiv u titrasferixxi,*

*daqs li kieku kienet hi s-sid reġistrat tal-bastiment, il-bastiment intimat M/Y Nautonnier bin-numru uffiċjali 10226 u Call Sign 9H8367 lis-soċjeta' Avere Blu Limited, u sabiex tawtorizza lill-istess persuna jiġbor mingħand ix-Xerrej il-prezz indikat fl-MoU u jiddepożita l-istess prezz (inkluż id-depożitu) fil-Qorti fi żmien sebat (7) ijiem mid-data ta' meta l-bejgħ jiġi finalizzat.*

*c. Tordna u tawtorizza li l-Bill of Sale relattiv jinħareġ in dupplikat, b'żewġ dokumenti oriġinali identiċi, debitament notarizzati u apostillizzati, jekk hekk ikun mitlub mix-Xerrej, u wieħed mill-liema jiġi kkonsenjat lix-Xerrej malli l-prezz miftiehem jiġi mħallas;*

*d. Tiddeċiedi u tikkonferma illi, kif inhu provdut fl-artikolu 364 tal-Kap. 12, il-bejgħ tal-bastiment intimat, kif ordnat u awtorizzat minn din l-Onorabbli Qorti, jagħti lix-Xerrej titolu fuq il-bastiment intimat li "ma jkunx aggravat minn kull privileġġ jew piż" u kwindi mingħajr l-ebda dejn fuq l-istess bastiment li allura qed jiġi akkwistat mix-Xerrej "free from encumbrances";*

*e. Tiddeċiedi u tikkonferma illi kwalunkwe ċertifikat tal-bastiment intimat li seta' ġie maqbud mill-Qorti jew taħt l-awtorita' tal-Qorti, għandu jiġi rilaxxjat u mgħoddi lix-Xerrej.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati nomine inklużi spejjeż konnessi mal-bejgħ tal-bastiment intimat.*

U dan wara illi hija ppremettiet is-segwenti:

1. *Permezz ta' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti tat-28 ta' Lulju 2021 fl-ismijiet Grand Harbour Marina p.l.c vs Kuraturi Deputati Dr Charmaine Cherrett u PL Madeleine Firman maħtura b'digriet tat-30 ta' Settembru 2020 sabiex jirrappreżentaw lill-Bastiment M/Y Nautonnier bin-numru uffiċjali 10226 u Call Sign 9H8367, l-intimati nomine ġew ordnati jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' €93,023.15 (oltre għal imgħaxijiet dovuti sad-data tal-pagament effettiv) rappreżentanti spejjeż konsistenti f'berthing fees u servizzi tad-dawl u ilma reżi lill-bastiment intimat sa mill-1 ta' Frar 2020. L-intimati nomine kienu wkoll ġew ordnati jħallsu l-ispejjeż.*

2. *Sussegwentement, l-istess Onorabbli Qorti permezz ta' digriet tat-13 ta' Settembru 2021, laqgħet rikors tas-soċjeta' rikorrenti tal-20 ta' Awissu 2021 li permezz tiegħu kienet talbet ri-kalkolu tat-talba minn €93,023.15 għal €120,648.54. Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti hija issa kreditriċi fil-konfront tal-intimati nomine fl-ammont ta' €120,648.54 oltre għal imgħaxijiet dovuti sad-data tal-pagament effettiv1.*

3. *Illi kontestwalment mat-talba għall-ħlas, is-soċjeta' rikorrenti fil-25 ta' Ġunju 2021 kienet ukoll ikkawtelat il-kreditu tagħha bil-ħruġ ta' mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar numru 781/2020 kontra l-bastiment intimat. Is-soċjeta' rikorrenti, obbligat ruħha, skond it-termini tal-MoU (kif deskritt f'paragrafu 4), li titlob il-ħruġ ta' kontro-mandat mall-jiġi finalizzat il-bejgħ tal-bastiment intimat.*

4. *Is-soċjeta' rikorrenti ġiet avviċinata minn terzi li esprimew interess li jixtru l-bastiment intimat u wara negozjati, is-soċjeta' laħqet ftehim, ossija Memorandum of Understanding ("MoU"), kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata bħala Dok B, għall-bejgħ tal-istess bastiment intimat lil Robert Ferrando (ID numru 291568M) u sussegwentement l-istess MoU ġie assenjat mis-Sur Robert Ferrando lis-soċjeta' Avere Blu Limited (C 47849)2 (ix-"Xerrej"). Dan il-bejgħ huwa pero' suġġett għall-approvazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u suġġett ukoll għat-termini u kundizzjonijiet kollha inkużi fl-MoU, li jiddetermina wkoll il-proċedura tal-bejgħ tal-bastiment intimat għall-prezz ta' mija u ħamsin elf Ewro (€150,000) liema somma tinkludi wkoll it-taxxa fuq il-valur miżjud.*

5. *Ix-Xerrej iddepożita d-depożitu msemmi fl-istess MoU skond it-termini tal-istess ftehim, bħala xhieda tal-bwona fede tiegħu.*

6. *Il-prezz li aċċetta li jħallas ix-Xerrej skond l-MoU huwa ċertament raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ u pjenament kompatibbli mal-valur tas-suq tal-bastimenti intimat. F'dan ir-rigward, is-soċjeta' rikorrenti qed tippreżenta l-istimi ta' żewġ stimaturi indipendenti u ta' fama tajba li jindikaw l-istima rispettiva tagħhom tal-valur tal-bastiment intimat fis-suq (kopja tal-istimi huma hawn annessi u mmarkati bħala "Dok D u "Dok E").*

[1] Sentenza fl-ismijiet premessi tat-28 ta' Lulju 2021 hawn annessa u mmarkata bħala **Dok A**.
[2] Kopja tal-kuntratt ta' ċessjoni datat 18 ta' Jannar 2022 hawn annessa u mmarkata bħala **Dok C.**

7. *Illi fiċ-ċirkostanzi huwa kjarament fl-interess tas-soċjeta' rikorrenti u ta' kwalunkwe kredituri oħra, jekk ikun il-każ (għalkemm preżentement is-soċjeta' esponenti ma taf bl-ebda kredituri oħra tal-bastiment intimat), li l-bejgħ tal-bastiment intimat jipproċedi skond it-termini tal-MoU malajr kemm jista' raġonevolment ikun in vista tal-fatt illi kull ma jmur, l-istat tal-bastiment qed ikompli jiddeterjora fl-istat inattiv li jinsab fih u allura l-valur tiegħu dejjem qiegħed jonqos. Barra minn hekk, jekk il-bastiment intimat jinbiegħ kemm jista' jkun malajr, ikunu jistgħu jiġu evitati aktar spejjeż għas-soċjeta' rikorrenti b'periklu u riskji kbar għall-marina tas-soċjeta' rikorrenti, fejn il-bastiment ilu abbandunat għal dawn l-aħħar snin.*

8. *Illi ai termini tal-Artikolu 360 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan ir-rikors qed jiġi notifikat ukoll lill-intimati nomine u lir-Reġistratur tal-Bastimenti. Is-soċjeta' rikorrenti mhix a konjizzjoni ta' xi proċeduri avvanzati kontra l-bastiment intimat minn kredituri oħra u għaldaqstant ma taf bl-ebda kreditur ieħor li jista' jkollu interess f'dawn il-proċeduri.*

**Rat** id-dokumenti annessi mal-istess Rikors promotur.

**Rat** id-digriet taghha tat-22 ta' Frar 2022;

**Rat** illi l-intimata noe. giet notifikata bir-rikors promotur nhar it-2 ta' Marzu 2022;

**Rat** ir-Risposta tal-intimati noe. pprezentata fl-10 ta' Marzu 2022 u li permezz taghha huma rrispondew hekk:

*Illi l-esponenti filwaqt illi jirrilevaw li s-socjeta' rikorrenti ghandha titolu ezekuttiv ai termini tas-sentenza datata 28 ta' Lulju 2021, fl-ammont komplessiv ta' €120,648.54 (mija u ghoxrin elf Euro, sitt mija tmienja u erbghin ewro u erba' u hamsin centezmu), kif debitament ikkonfermat b'digriet datat 13 ta' Settembru 2021;*

*L-esponenti jirrimettu ruhom ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti rigwardanti t-talbviet kif avvanzati fir-rikors datat 4 ta' Frar 2022;*

*Bl-ispejjes ta' din il-procedura inkluz spejjez relatati mal-bejgh ta' bastiment kontra s-socjeta' rikorrenti.*

**Rat** l-affidavit ta' Gordon Vassallo, General Manager tas-socjeta` rikorrenti, pprezentat b'nota tad-29 ta' Marzu 2022 – u li permezz tieghu is-socjeta' rikorrenti ghalqet il-provi taghha.

**Rat** illi fl-udjenza tal-11 ta' Lulju 2022, l-intimata noe. iddikjarat illi ma kelliex provi xi tressaq u li kienet qed tistrieh fuq l-atti.

**Semghet** it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet f'dik l-istess udjenza, u rat illi l-kawza thalliet ghall-llum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza hija intavolata ai termini tal-**Artikolu 358 et seq tal-KAP 12** tal-Ligijiet ta' Malta, li jaqraw precizament hekk:

> *358. Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, il-Qorti tista', wara rikors ta' kull kreditur b'titolu eżekuttiv, tapprova l-bejgħ privat ta' vapur jew bastiment jew inġenji tal-ajru, favur xerrej identifikat u bil-ħlas ta' prezz determinat.*
>
> *359. Ir-rikorrent għandu flimkien mar-rikors jissottometti stimi minn żewġ stimaturi indipendenti u ta' fama tajba li jikkonfermaw il-valur tal-vapur jew bastiment jew inġenji tal-ajru; ir-rikorrent għandu wkoll iġib quddiem il-Qorti xiedha li dak il-bejgħ privat huwa fl-interess tal-kredituri kollha magħrufin u li l-prezz offrut mix-xerrej propost huwa raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ.*
>
> *360. Ma jingħata l-ebda ordni mill-Qorti qabel ma r-rikors jiġi notifikat lil dawk il-persuni li l-Qorti, fiċ-ċirkostanzi u skont l-informazzjoni mogħtija mir-rikorrent, jidhrilha li huwa xieraq li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom.*
>
> *361. Il-Qorti għandha tappunta r-rikors għas-smigħ fi żmien għaxart' ijiem mill-preżentata.*
>
> *362. Jekk il-Qorti tilqa' it-talba fir-rikors u tapprova li jsir bejgħ privat skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu, il-Qorti għandha fid-digriet tagħha ta' approvazzjoni taħtar persuna li b'hekk tkun intitolata tittrasferixxi l-vapur jew il-bastiment jew l-inġenji tal-ajru skont il-pattijiet u l-kondizzjonijiet approvati mill-Qorti, bħallikieku kien is-sid reġistrat tagħhom.*
>
> *363. Il-persuna hekk maħtura mill-Qorti għandha tiddepożita l-prezz fil-Qorti fi żmien sebat' ijiem mid-data ta' meta l-bejgħ jiġi finalizzat.*
>
> *364. Il-bejgħ tal-vapur jew tal-bastiment jew tal-inġenji tal-ajru skont id-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu jagħti lix-xerrej titolu li ma jkunx aggravat minn kull privileġġ jew piż, u wara l-bejgħ il-pretensjonijiet jew talbiet kollha kontra l-vapur jew il-bastiment jew l-inġenji tal-ajru jistgħu jiġu eżegwiti kontra ir-rikavat tal-bejgħ biss.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-atti jirrizultaw fatti inkontestati, kemm mid-dokumenti esebiti u kif ukoll mir-Rikors promotur u mill-affidavit ta' Gordon Vassallo li prattikament jikkonferma bil-gurament tieghu dak dikjarat fir-rikors promotur.

Jirrizulta illi permezz ta' sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti tat-28 ta' Lulju 2021 fil-kawza bin-numru ta' referenza **495/2020MH**, fl-ismijiet **Grand Harbour Marina plc (C26891) vs Kuraturi Deputati maħtura b'digriet tat-30 ta' Settembru 2020 sabiex jirrappreżentaw lill-Bastiment M/Y Nautonnier bin-numru uffiċjali 10226 u Call Sign 9H8367**, is-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditur tal-bastiment msemmi fil u bil-kundizzjonijiet hemmek stipulati u ukoll bid-digriet tal-istess Qorti tat-13 ta' Settembru 2021.

Jirrizulta ukoll illi s-socjeta' rikorrenti ikkawtelat il-kreditu tagħha bil-ħruġ ta' mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar numru **781/2020** kontra l-bastiment intimat u obbligat ruħha, skond it-termini tal-MoU, li titlob il-ħruġ ta' kontro-mandat mall-jiġi finalizzat il-bejgħ tal-bastiment intimat.

Jirrizulta ukoll dokumentat illi s-soċjeta' rikorrenti laħqet ftehim, ossija Memorandum of Understanding ("MoU") għall-bejgħ tal-istess bastiment intimat lil certu Robert Ferrando (ID numru 291568M) u sussegwentement l-istess MoU ġie assenjat mis-Sur Robert Ferrando lis-soċjeta' Avere Blu Limited (C 47849). Dan il-bejgħ huwa pero' suġġett għall-approvazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, u suġġett ukoll għat-termini u kundizzjonijiet kollha inkużi fl-MoU, fosthom il-prezz ta' mija u ħamsin elf Ewro (€150,000) liema somma tinkludi wkoll it-taxxa fuq il-valur miżjud.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-atti jirrizulta ukoll illi qed jigi proprost illi l-bastiment jinbigh ghall-prezz ta' mija u hamsin elf Euro (€150,000), u dan wara illi zewg stimaturi tal-bastimenti, ossia Oceanus Marine Limited u Stay Safe Marine Surveys taw stimi differenti, ossia, ta' l-ewwel ta' stima datata 09.09.2021 fl-ammont ta' €217,000 filwaqt illi t-tieni ta' stima datata 04.10.2021 ta' bejn €120,000 u €180,000.

**Ikkunsidrat ghalhekk illi**:

Il-Qorti jinhtieg tara jekk il-provi rizultanti inkontestati jissodisfawx il-vot illi trid il-ligi biex il-Qorti thossha komda tasal ghal decizjoni biex takkolja it-talbiet maghmula.

> *Il-Qorti tqis illi l-principji li ghandhom jirregolaw bejgh privat bhal dak in kwistjoni huma tnejn cioe` prezz gust u realistiku tal-vapur li bih l-kredituri kollha ma jsofrux pregudizzju wiehed a skapitu tal-iehor u t-tieni principju jigi salvagwardat id-dritt tad-debitu li jigi realizzat prezz gust u ekwu ghal proprjeta tieghu fic-cirkostanzi partikolari ta' kull kaz.* (vide Rikors 665/2018 **Mediterranean Trading Shipping Company Limited Vs il-Bastiment M.V. IRMAK et** deciza mill-PA 3.12.2018)

Qabel xejn, il-Qorti tqis illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici kanonizzata b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili. Dan huwa mhux biss inkontestat imma fi kwalunke kaz giet esebita kopja awtentikata tas-sentenza relattiva. Dan stabbilit, il-Qorti tista' issa tikkunsidra l-bejgh privat tal-bastiment de quo fl-isfond tal-insenjament hawn fuq maghmul.

Il-Qorti tqis illi huwa ukoll sodisfatt il-vot tal-ligi illi jirrikjedi illi jkunu pprezentati zewg stimi. Mar-rikors promotur hemm stima ta' Oceanus Marine u ohra ta' Stay Safe Marine Surveyors. Din il-Qorti ma ghandhiex ghaliex ma tikkunsidrax dawn iz-zewg surveyors bhala ta' fama tajba kif trid il-ligi.

Dwar dak li trid il-ligi, ossia illi "*l-prezz offrut mix-xerrej propost huwa raġonevoli fiċ-ċirkostanzi tal-każ",* il-Qorti tqis illi l-prezz offrut mix-xerrej prospettiv mhux tant vicin stima minnhom, izda jaqa' precizament fil-parametri tal-istima moghtija mit-tieni stimatur. Filwaqt illi l-prezz offrut huwa 70% tal-istima moghtija minn Oceanus Marine, b'dana kollu huwa ukoll precizament fin-nofs tal-parametri tal-istima moghtija minn Stay Safe Marine Surveyors. Fuq kollox il-Qorti tqis rilevanti l-fatt illi mill-atti jirrizulta biss kreditur wiehed, ossia is-socjeta' rikorrenti, u di piu`, hi tiddikjara illi thoss illi dak il-prezz huwa vantaggjuz.

Fil-fatt mill-atti ma jirrizultawx kredituri tal-bastiment ohra ghajr ghas-socjeta' rikorrenti, u d-Direttur Manigerjali tal-istess socjeta' rikorrenti fl-affidavit tieghu jsostni illi l-bejgh bil-kundizzjonijiet miftehma jkun ta' vantagg ghas-socjeta' minnhu rapprezentata.

Il-Qorti qieset ukoll illi r-rapprezentanti tal-bastiment M/Y Nautonnier, ossia il-kuraturi deputati illi irrapprezentawh mhux biss f'dawn il-proceduri, imma ukoll fil-proceduri precedenti quddiem din il-Qorti diversment preseduta, gew debitament notifikati, ghamlu r-riposta taghhom u anke s-sottomissjonijiet wara illi kellhom kull opportunita' illi jressqu provi, li mhux biss ma ressqux, imma mid-dikjarazzjoni taghhom jidher illi mhux qed jiddisputaw il-fatti esposti mis-socjeta' rikorrenti. Dwar il-persuni interessati din il-Qorti tosserva biss illi filwaqt illi s-socjeta' rikorrenti tghid u tiddikjara illi kienet qed tinnotifika lir-Registratur tal-Bastiment, dan ma jirrizultax mill-atti. Il-Qorti tqis pero` illi dan ma ghandux, fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn il-fatti kollha huma indisputati, jxekkel l-

akkoljiment tat-talbiet tas-socjeta' rikorrenti. Mill-bqija, una volta dikjarat illi mhux maghruf illi hemm krendituri ohra, ma kienet mehtiega ebda notifika ohra.

Il-Qorti tqis ukoll illi fis-sottomissjonijiet taghha, u hekk ivverbalizzat fl-ahhar seduta, id-difensur tas-socjeta` rikorrenti ipproponiet, u ghal dan ma kien hemm ebda opposizzjoni da parti tal-intimata noe, illi ai fini tal-Artiklu 362 tal-KAP 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-persuna illi tkun intitolata titrasferixxi l-bastiment ghandha tkun l-Avukat Anndrea Moran jew Avukat iehor mid-ditta Legali Ivan Vella & Associates.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija u ghall-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti qeghda :

a. **Tawtorizza** u **tapprova**, ai termini tal-Artikolu 358 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-bejgħ tal-bastiment intimat **M/Y Nautonnier** bin-numru uffiċjali 10226 u Call Sign 9H8367 lis-soċjeta' Avere Blu Limited għas-somma ta' mija u ħamsin elf Ewro (€150,000) u dan skont it-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-MoU datat 27 ta' Ottubru 2021 esebit in atti bhala DOK B u l-assenjazzjoni tieghu DOK C kif u safejn applikabbli.

b. **Taħtar**, ai termini tal-Artikolu 362 et seq. tal-Kap. 12 lil **Avukat Anndrea Moran jew Avukat iehor mill-ufficcju legali Ivan Vella & Associates**, sabiex tiffirma l-Bill of Sale relattiv u titrasferixxi, daqs li kieku kienet hi s-sid reġistrat tal-bastiment, il-bastiment intimat M/Y Nautonnier bin-numru uffiċjali 10226 u Call Sign 9H8367 lis-soċjeta' **Avere Blu Limited (C-47849)**, u sabiex tiġbor mingħand ix-Xerrej il-prezz indikat fl-MoU ta' mija u hamsin elf Euro (€150,000) u jiddepożita l-istess prezz (inkluż mid-depożitu) fir-Registru ta' din il-Qorti fi żmien seba't (7) ijiem mid-data ta' meta l-bejgħ jiġi finalizzat.

c. **Tordna** u **tawtorizza** li l-Bill of Sale relattiv jinħareġ in dupplikat, b'żewġ dokumenti oriġinali identiċi, debitament notarizzati u apostillizzati, jekk hekk ikun mitlub mix-Xerrej, u wieħed mill-liema jiġi kkonsenjat lix-Xerrej malli l-prezz miftiehem jiġi mħallas.

d. **Tordna** illi, ai termini tal-artikolu 364 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-bejgħ tal-bastiment intimat kif ordnat u awtorizzat b'din id-decizjoni, jagħti lix-Xerrej titolu fuq il-bastiment intimat li "ma jkunx aggravat minn kull privileġġ jew piż".

e. **Tordna** illi kwalunkwe ċertifikat tal-bastiment intimat li seta' ġie maqbud mill-Qorti jew taħt l-awtorita' tal-Qorti, għandu jiġi rilaxxjat u mgħoddi lix-Xerrej wara l-konkluzjoni tal-bejgh tal-bastiment fit-termini hawn fuq maghmula.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati nomine inklużi spejjeż konnessi mal-bejgħ tal-bastiment intimat.

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**